MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 328/2008

**Avukat Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita` 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Koninklijhe Philips Electronics N. V.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-28 ta' April 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` SARL Les Freres Haddad Import-Export Algerie.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera

Koninklijke Philips Electronics N.V. datat 17 ta’ Settembru 2008 a fol. tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta’ Koninklijke Philips Electronics N.V. ta’ Groenewoudseweg 1, 5621 BA Eindhoven, tal-Olanda hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju “PHILIPS” u l-markju distintiv maghruf bhala “Philips Shield Emblem”, liema markji huma uzati minn din is-socjeta’ fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhala oggetti elettronici u xjentifici u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”,“C” u “D”;

Illi s-socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markji “PHILIPS” u “Philips Shield Emblem” fil-komplessita’ taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 3291 (kif muri f’Dok. “A”), u *Trademark No*. 6008 (kif muri f’Dok. “B”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “Philips Shield Emblem” u dan kollu *ai termini* tal-**Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, liema markji “PHILIPS” u “Philips Shield Emblem” huma wkoll irregistrati bhal *Trademarks* Komunitarji mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numri 000205971 (kif muri f’Dok. “C”) u Numru 000205849 (kif muri f’Dok. “D”);

Illi jirrizulta illi fid-9 ta’ Frar 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM LYS”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *‘headphones’* li jgibu l-markji “PHILIPS” u “Philips Shield Emblem” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’elfejn (2,000) set ta’ *‘headphones’*, b’*Container* Numru UESU2265537 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-**Artikolu 4 tal-KAP. 414**;

Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru GZ2198165 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-*‘headphones’* in kwistjoni huma ndikati bhala SARL Les Freres Haddad Import-Export Algerie,

mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Yi Wu China Small-Commodities City Trading Co., Limited;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projibit skont l-**Artikolu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dawn il-*'headphones'* in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-**Artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markji "PHILIPS" u "Philips Shield Emblem", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-**Artikolu 2 (1) (b) tal-istess Kap. 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta' intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' estera rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "E");

Illi din il-konsenja ta' *'headphones'* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provedimenti tal-**KAP. 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "H");

Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provedimenti legali

tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

Illi l-**Artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta’ l-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja”** jistipula illi ghal-finijiet ta’ l-**Artikolu 91** tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

Illi l-Avukat Dr. David Tonna nomine jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti *nomine* talbu lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-*‘headphones’* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skont l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-KAP. 414** u/jew skont l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003);**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ *‘headphones’*, li tikkonsisti f’elfejn (2,000) set, da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skont l-**Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**Artikolu 4 tal-istess KAP.**

**414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 3291 u 6008 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Philips Shield Emblem";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *'headphones'* tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 3291 u 6008 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000205971 u Numru 000205849 registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Philips Shield Emblem";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-*'headphones'* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-**Artikolu 8 tal-KAP. 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - **KAP. 414** tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-*'headphones'* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**KAP. 414**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u lista ta’ tmien (8) dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “H” kif jidhru minn fol. 7 sa 27 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* datat 3 ta’ April 2008 fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ intimata SARL Les Freres Haddad Import-Export Algerie, fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relavanti u sussegwenti u ordnat li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` CMA CGM Agencies Worldwide*;* u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fit-28 ta’ Jannar 2008 kif jidher a fol. 32 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2008 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat iz-zewg noti tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* wahda datata 31 ta’ Lulju 2008 a fol. 38 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ l-ufficjal tad-Dwana George Agius (immarkat bhala Dok. “GA1”) kif ukoll il-kopja originali tar-rapport tal-analizi mahrug minn J.J.E.C.G. Vandekerckhove (ara Dok.“E” mar-rikors) bhala Authorised Representative and Vice President IP Creation and Counselling tas-socjeta` estera rikorrenti (Dok “DT 1”); u n-nota l-ohra datata wkoll 31 ta’ Lulju 2008 (fol. 44) li permezz taghha esebixxa prospett (Dok “DT 2”) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta’ l-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi

din il-Qorti tilqa' s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat. Flimkien mal-prospett gew annessi wkoll tliet dokumenti mmarkati Dok “PR 1” sa “PR 3”.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Renzo Porsella-Flores et pprezentata fis-6 ta' Ottubru 2008 a fol. 51 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi huma ma jafu xejn fil-fatti li wasslu ghal din il-kawza u hekk kif ir-rikorrent *nomine* jghaddilhom kull taghrif li ghandu li bih jistghu jaqbdu mas-socjeta` intimata – li ghaliha nhatru biex jidhru – huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu maghha, jigbru t-taghrif mehtieg, u jikkontestaw il-kawza kif imiss.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol. 51 tal-process.
Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tas-7 ta' Ottubru 2008 a fol. 52 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghas-socjeta` attrici li irrimetta ruhu ghall-provi. Deher Dr. Renzo Porsella-Flores li ddikjara li ma kkomunikax mas-socjeta` intimata ghax m'ghandux indirizz. Id-difensuri irimettew ruhhom ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn is-socjeta' attrici qed tghid li bil-fatti allegati gew miksura d-drittijiet taghha fuq il-marki tal-kummerc maghrufa “PHILIPS” u “Philips Shield Emblem” dan ghaliex l-merkanzija mertu ta' din il-kawza kienet falza u kontrafatta, u minhabba f'hekk qed titlob li jigi ddikjarat li oggetti jiksru d-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka u konsegwentement jigi ordnat li tali oggetti jigu

distrutti bil-mod kif provdut fil-ligi u talbiet ohra konsegwenzjali ghall-istess.

Illi jirrizulta illi skond ix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (affidavit datat 31 ta' Lulju 2008) fid-9 ta' Frar 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM LYS", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' *'headphones'* li jgibu l-markji "PHILIPS" u "Philips Shield Emblem" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'elfejn (2,000) set ta' *'headphones'*, b'*Container* Numru UESU2265537 u li ma humiex genwini, u dan meta l-istess marki huma proprjeta' tas-socjeta' attrici u protteti taht il-provediment kemm taht il-Kap 414, peress li huma debitament registrati f'Malta bhala marka (Dok. "B") u disinn artistiku, u kif ukoll taht ir-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 anke peress li tali marka giet registrata bhala *Trademark* Kommunitarja mal-*"Office for Harmonisation in the Internal Market"* tal-Unjoni Ewropeja taht in-numru 000205971 u 000205849 (Dok. "C" u "D"), u allura bid-dhul tal-istess oggetti falsifikati f'Malta destinati lill-entita' intimata odjerna hemm ksur tal-istess Regolament tal-Kunsill (EC) 1383/2003, u l-artikoli appositi u ndikati tal-**Kap. 414 u Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi jirrizulta li l-istess container inhatt fit-13 ta' Frar 2008 mill-ufficjali tad-Dwana u l-imsemmija oggetti instabu fih u gew mizmuma fuq suspett li kienu kontrafatti u fil-fatt minn ezamijiet li saru mis-socjeta' attrici, li nghatat kampjun tal-istess oggetti, rrizulta li l-istess oggetti kienu fil-fatt foloz (Dok. "E" – datat 2 ta' April 2008 u Dok. "DT 1"). Dawn il-fatti ma gew bl-ebda mod kontradetti u jirrizulta li l-ispiza sabiex jigu distrutti l-istess oggetti tinkudi dik ta' fl-ammont ta' €1,109.84 (Dok. "DT2" u Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3" u ghalhekk it-talbiet attrici f'dan ir-rigward ghandhom jigu milqugha fil-limiti ta' dak hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-*'headphones'* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-KAP. 414** u/jew skond l-**Artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003);**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' *'headphones'*, li tikkonsisti f'elfejn (2,000) set, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skont l-**Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**Artikolu 4 tal-istess KAP. 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 3291 u 6008 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Philips Shield Emblem";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *'headphones'* tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 3291 u 6008 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000205971 u Numru 000205849 registrati f'isem is-

socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja), u fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Philips Shield Emblem";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex konsegwenti ghall-ewwel tlett talbiet attrici jiddistruggi fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza l-*'headphones'* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skont l-**Artikolu 8 tal-KAP. 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba u dan in vista ta' dak ordnat skond ir-raba' talba ta' din id-decizjoni.

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-*'headphones'* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana inkluzi dawk indikati f'din il-kawza ammontanti ghall-elf, mija u disa' ewro u erba' u tmenin centezmu (€1,109.84) skond it-termini tal-**KAP. 414**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------